Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,436, 13 ta' Mejju, 2025

Taqsima B

A.L. 87 tal-2025

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 595)

Ordni tal-2025 li jemenda l-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija SAPPORT

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2025 li jemenda l-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija SAPPORT u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija SAPPORT, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"ordni prinċipali". L.S. 595.18.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-ordni prinċipali, minnufih wara t-tifsira ta' "Ministru" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolament (UE) 2016/679" tfisser ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*);".

Iżid artikolu ġdid fl-ordni prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 4 tal-ordni prinċipali għandu jiġu miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħa tal-Aġenzija li titlob informazzjoni.

4A. (1) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, inkluż iżda mhux limitat:

(a) għall-valutazzjoni tal-idoneità jew l-eliġibbiltà ta' kwalunkwe individwu sabiex jibda jew ikompli jirċievi jew jibbenefika mis-servizzi jew mill-iskemi tagħha;

(b) għall-verifika tal-kompletezza, l-eżattezza jew il-veraċità ta' kwalunkwe informazzjoni jew dokument sottomess;

(ċ) għall-iżgurar tal-għoti ta' appoġġ, servizzi jew assistenza xierqa u effettivi lill-utenti tas-servizzi tagħha,

l-Aġenzija għandu jkollha s-setgħa li titlob l-informazzjoni rilevanti u meħtieġa, li għandha tinkludi iżda mhux limitata għal, dettalji dwar kwalunkwe benefiċċju finanzjarju jew benefiċċju ieħor, stat ta' saħħa, jew diżabbiltà ta' kwalunkwe utent ta' servizz jew benefiċjarju ieħor, minn kwalunkwe persuna, inkluż iżda mhux limitat għal, kwalunkwe ministeru, dipartiment, awtorità, aġenzija, entità tal-gvern, organizzazzjoni volontarja jew korp ieħor.

(2) Kwalunkwe talba jew konsultazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tkun limitata għall-informazzjoni li hija strettament meħtieġa sabiex l-Aġenzija twettaq il-funzjonijiet tagħha b'mod effettiv.

(3) Kwalunkwe persuna, inkluż iżda mhux limitat għal, kwalunkwe ministeru, dipartiment, awtorità, aġenzija, entità governattiva, organizzazzjoni volontarja jew korp ieħor, li tikkomunika jew tagħmel disponibbli b'xi mod ieħor kwalunkwe informazzjoni lill-Aġenzija bi tweġiba għal talba jew konsultazzjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha titqies li taġixxi legalment.".

Iżid artikoli ġodda fl-ordni prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 9 tal-ordni prinċipali għandhom jiġu miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Proċessar ta' data personali. Kap. 586.

10. (1) L-applikabbiltà tar-Regolament (UE) 2016/679 u tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, inkluż kwalunkwe regolamenti magħmula taħthom u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-data ma għandhomx jiġu preġudikati minn dan l-ordni.

(2) Meta l-Aġenzija tkun qed taġixxi fil-kapaċità tagħha bħala kontrollur skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679, hija għandha twettaq l-attivitajiet rilevanti ta' proċessar tad-data li huma strettament neċessarji għall-finijiet ta' dan l-ordni.

(3) Fejn id-data personali kkomunikata jew b'xi mod ieħor ikunu disponibbli lill-Aġenzija skont dan l-ordni jew kwalunkwe liġi oħra fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha tinkludi data li mhijiex meħtieġa għall-finijiet li għalihom ġiet ikkomunikata jew b'xi mod ieħor issir disponibbli, l-Aġenzija għandha minnufih tħassar tali data meta tirċeviha.

(4) L-ipproċessar ta' data personali, inkluż il-kategoriji speċjali ta' data personali, għall-finijiet ta' dan l-ordni għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/679, u tali data personali ma għandhiex tiġi pproċessata aktar b'mod li jkun inkompatibbli mal-għanijiet ta' dan l-ordni.

(5) L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' riċerka u statistika għandu jkun soġġett għal salvagwardji xierqa skont ir-Regolament (UE) 2016/679 għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data:

Iżda l-imsemmija salvagwardji għandhom jiżguraw li l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa jiġu implimentati b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data kif stabbilit fl-Artikolu 5(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679, liema miżuri jistgħu jinkludu l-psewdonimizzazzjoni.

Salvagwardji xierqa.

11. (1) L-Aġenzija, filwaqt li tieħu kont tan-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar, kif ukoll ir-riskji ta' probabbiltà u severità varji tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data, kemm fil-ħin tad-determinazzjoni tal-mezzi tal-ipproċessar kif ukoll fil-waqt tal-ipproċessar innifsu, għandha timplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa, b'mod effettiv u tintegra s-salvagwardji meħtieġa fl-ipproċessar sabiex tipproteġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-data u tiżgura livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju.

(2) L-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data maħtur mill-kontrollur skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu jkun involut u kkonsultat fil-ħin u b'mod xieraq dwar il-kwistjonijiet kollha fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali pproċessata għall-finijiet ta' dan l-ordni.

(3) Għall-finijiet li jiġi żgurat u sabiex tkun tista' tiġi murija li l-ipproċessar tad-data personali ikun qiegħed jitwettaq skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Aġenzija għandha timplimenta l-politiki xierqa dwar il-protezzjoni tad-data, liema politiki għandhom jiġu riveduti perjodikament u aġġornati fejn meħtieġ.".